**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn l-1 ta' Lulju 2024**

Talba Numru: 341/2023CC

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**
**Vs**

**Leanne Magro (KI 0008898 (G))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta' Settembru 2023, fejn l-attriċi talbet li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' elf, tmien mija u tnax-il ewro u ħdax-il ċenteżmi (€1,812.11c) rappreżentanti servizz reżi in konnessjoni ma servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1,11053006 fuq talba u a benefiċċju tal-intimata.

L-Attriċi talbet ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviż.

Ra li minkejja li l-kovenuta ġiet debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-konvenuta naqset milli tippreżenta risposta fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-smigħ ta' dan il-proċediment.

Ra li l-konvenuta ġiet ddikjarata mit-Tribunal bħala kontumaċi.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April 2024, is-soċjeta' attriċi ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u konsegwentament iddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa.

Ra li minkejja li t-Tribunal ta' l-fakulta kemm lis-soċjeta' attriċi u anke lil konvenuta sabiex jippreżentaw in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom huma għażlu li ma jintavolaw l-ebda nota ta' sottomissjoni.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa'.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**It-Tribunal jikkunsidra.**

Illi qabel xejn it-Tribunal josserva li minkejja li l-konvenuta tirrisjedi ġewwa Għawdex, madanakollu s-soċjeta' attriċi għażlet li tintavola l-proċeduri f'Malta.

Illi fis-sentenza deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fil-25 ta' Mejju 2006 fl-ismjiet **Margaret Xuereb vs Ernest Cilia noe** ngħad li:

*"Ra n-nota ulterjuri pprezentata mis-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet il-privilegium fori in kwantu l-istess socjeta' hija residenti fil-gzira ta' Malta u mhux f'Ghawdex.*

*Illi kif kellu diga' f'diversi kawzi l-okkazjoni jirrileva dan it-Tribunal, kif prezentement ippresedut, u kif ikkonfermat anke mill-Onorabbli Qorti tal-Appell –* ***John u Rose konjugi Portelli vs Victor u Alfreda konjugi Cachia*** *– Qorti tal-Appell, coram Onor Prim Imhallef Noel Arrigo moghtija fil-11 ta' Lulju 2002 (Avviz Numru 24/01 GM) ma hemmx Tribunal ghall-gzira ta' Malta u iehor ghall-gzejjer t'Ghawdex u Kemmuna, bhalma hu l-kaz fir-rigward tal-Qrati u anke ta' certi tribunali bhall-Bord Li Jirregola l-Kera u dak tal-Qbejjel, imma hemm Tribunal wiehed u uniku kemm ghal Malta kif ukoll ghal Ghawdex,u li ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha. Ghalhekk billi l-foro huwa wiehed, ma jistax ikun hemm stricto sensu privilegg li l-kaz jinstama' quddiem foro u mhux iehor.*

*Kif qal dan l-istess Tribunal fil-precitata kawza: " Fil-kaz istanti, it-Tribunal m'ghandux dubbju l-konvenuti prezentement jirrisjedu fil-gzira ta' Malta.* ***Illi pero l-privilegium fori ma japplikax ghal dan it-Tribunal****, almenu mhux kif inhu rikonoxxut fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. F'dak il-Kodici, insibu r-regoli li jirregolaw il-kompetenzi rispettivi ta' qrati differenti, u cioe' dik tal-Qrati Inferjuri u Superjuri ta' Malta fuq naha wahda u dik tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-diversi kompetenzi taghha kemm inferjuri kif ukoll superjuri. Issa, kif diga' kellu l-opportunita jispjega dan it-Tribunal f'kawza precedenti, m'hemmx Tribunal ghal Ghawdex u Tribunal ghal Malta. Hemm biss Tribunal wiehed li ghandu kompetenza kemm fil-gzira ta' Malta kif ukoll fil-gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna. Tabilhaqq, hemm regola fl-Att numru V tal-1995, Artiklu 3(4) li tixbah sewwa lill-privilegum fori li tippreskrivi hekk: it-Tribunal ghandu, <u>sa fejn ikun prattikabbli</u> (sottolinejar tat-Tribunal) izomm il-laqghat tieghu fil-Gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha. Dan ifisser illi: (1) jekk il-konvenut ikun jirrisjedi Malta, allura l-kawza ghandha tinzamm f'Malta sakemm il-gzira t'Ghawdex ma tkunx i-lforum conveniens; (2) billi hemm Tribunal wiehed, ma jista' jkun hemm l-ebda eccezzjoni ta' kompetenza, imma biss eccezzjoni dwar il-gzira li fiha t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti tieghu".*

*Il-Qorti tal-Appell, majjistralment ippronuncjat ruha hekk fl-imsemmija sentenza:*

*"Jibda biex jinghad li l-ligi dwar it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Kap. 380) tipprovdi ghal rimedju ta' appell biss fil-kazijiet elenkati fl-artikolu 8(2). Dawn huma:*

*(a) Kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;*

*(b) Kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;*

*(c) Kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(2);*

*(d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.*

*"L-eccezzjoni li biha l-konvenuti appellanti nvokaw "Il-privilegium fori", hija eccezzjoni ta' kompetenza li fil-fehma ta' din il-Qorti tinkwadra ruhha fl-Artikolu 8(2)(a) talKap. 380. Dan in lineja tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti (ara per ezempju s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Il-Prokuratur Legali Jonathan de Maria vs Il- Prim'Ministru et (Avviz numru: 662/97JR) deciza fid-29 ta' Jannar 1999).*

*"L-aggravju ta' l-appellanti jitratta dwar l-eccezzjoni sollevata minnhom fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001 (igifieri wara li pprezentataw risposta fl-20 ta' Awwissu 2001) li biha eccepew il-privilegium fori. Skond l-Artikolu 741[c] tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' qorti tista' tinghata "meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari". Beneficcju li huwa moghti: "lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil- Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward ilqorti ta' dawk il- Gzejjer".*

*" Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri fejn lArtikolu 4 tal-Kap 12 jipprovdi li dawn il-qrati huma:*

*(a) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-Gzira ta' Malta;*

*(b) il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna. Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti*

*partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju, l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li "joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta"*

*Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u "sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha" (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995). Il-kliem "sa fejn ikun prattikabbli" (as far as practicable fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. It-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari l-fatt li l-incident sehh f'Ghawdex u li l-parti l-kbira tax-xhieda jghixu f'Ghawdex, u wasal ghal konkluzjoni li jkun iktar prattikabbli li l-kaz jinstema' f'Ghawdex. L-appellanti ma ressqu l-ebda raguni valida ghalfejn id-diskrezzjoni ezercitata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghandha tigi disturbata."*

*Anke kieku kellha tigi ammessa l-eccezzjoni de quo agitur, xorta wahda din ghandha tigi michuda billi huwa iktar konvenjenti li l-kaz jinstama' fil-Gzira ta' Ghawdex stante li x-xhieda citati mill-atturi u l-maggor parti tax-xhieda citati mill-istess socjeta konvenuta joqghodu lkoll Ghawdex; il-kaz gara f'Ghawdex, u l-kumpannija konvenuta kienet ukoll topera f'Ghawdex.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-privilegium fori."*

Illi t-Tribunal josserva li l-eċċezzjoni tal-privilegium fori ma tapplikax awtomatikament għat-talbiet li jkunu qegħdin jinstemgħu quddiem dan l-istess Tribunal u jħalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar.

It-Tribunal qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari li l-konvenuta la ressqet ir-risposta' tagħha u qatt ma attendiet għas-seduti ta' dawn il-proċeduri u konsegwentament ma ressqet l-ebda raġuni valida għalfejn id-diskrezzjoni eżerċitata mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar għandha tiġi disturbata.

Illi għalhekk minkejja li l-konvenuta tirrisjedi ġewwa Għawdex, it-Tribunal xorta waħda se jkun qiegħed jiddeċiedi din it-Talba

**<u>It-Tribunal jikkunsidra.</u>**

Fis-sentenza **G.M.F Precast Limited vs Franmar Limited** deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-14 ta' Lulju 2022 ingħad li:

*"Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din lahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto" (SALVATORE LA ROSA, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara in re **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959); id-decizjoni riportata f'Kollez. Vol XXIX-III-35; il-kawza in re **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); id-decizjoni in re **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u in re **Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.*

*Fil-konfront ta' l-imsemmija konvenuta gie prezentant kapitolu mill-attrici fl-appena msemmija udjenza (ara Kapitolu a fol. 16). Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2022 (a foll. 17). Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr. Kif diga' mghadud, dan kollu gie debitament puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza l-ahhar imsemmija.*

*It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [vide Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni in re* ***Anthony Borg v. Samwel Veneziani*** *(Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi, "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas talkonvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut." Fl-istess sens ara s-sentenza in re* ***Stephen Vella et v. Bollicine Limited*** *(Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).*

*Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni (i.e., l'hekk imsejha konfessjoni gudizzjarja). Imma dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik*

*il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk ilkapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti missubizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni in re* ***Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et*** *(Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza in re*

***James Trapani et v. Vincent Cilia*** *(28 ta' April 2000), "il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik ilprova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad issubizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura."*

*Sa zmien pjuttost recenti, il-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) kompliet tikkonsolida dan il-hsieb u orjentament guridiku hekk kif rifless fis-sentenza in re* ***Absolute Services Ltd v. Stefan Darmenia****, moghtija fil-11 ta' Novembru, 2020. Hija wkoll interessanti s-sentenza ta' dan it-Tribunal, izda diversament presedut, in re* ***Complex Co. Ltd v. Clive May****, emessa fis-27 ta' Mejju, 2021, li mhux biss thaddan u tirrikalka linsenjamenti hawn fuq esposti, imma tkompli tamplifika t-tematika de quo b'senjalazzjonijiet gurisprudenzjali ulterjuri."*

**It-Tribunal jikkunsidra.**

Illi it-Tribunal sejjer jara l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u dan sabiex eventwalment jiġi determinat jekk permezz tal-provi mressqa mill-attriċi, it-talba ta' l-istess attriċi għandhiex tiġi milqugħa.

Flimkien mal-Avviż tat-Talba, l-attriċi ippreżentat kopja ta' fattura, liema fattura tindika li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, tmien mija u tnax-il ewro u ħdax-il ċenteżmi (€1,812.11c) u anke affidavit tal-avukat Dr Jeremy Debono li fih iddikjara u ikkonferma li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, tmien mija u tnax-il ewro u ħdax-il ċenteżmi (€1,812.11c).

It-Tribunal isostni li t-talba tal-attriċi fil-konfront tal-konvenuta tirriżulta kkonfermata kemm mill-fattura annessa mal-istess avviż tat-talba u anke mil-affidavit ta' Dr Jeremy Debono.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lill-istess attriċi s-somma ta' elf, tmien mija u tnax-il ewro u ħdax-il ċenteżmi (€1,812.11c), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' Settembru 2023 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**